MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2008

Numru. 479/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Magri**

**vs**

**Brian Mallia**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Brian Mallia ta’ 30 sena bin Louis u Alfrida nee’ Borg imwieled Pieta’ fil-11 ta’ Lulju, 1974 u li fil-prezent residenti fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin u detentur tal-karta tal-identita’ numru 321374 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. Fil-11 ta' Frar 2005, ghall-habta tas-6 :30 ta' filghaxija mill-fond bin-numru 37 sitwat fi Triq San Frangisk, Sliema kkommetta serq ta' kwantita' ta' oggetti tad-deheb, flus kontanti u hwejjeg ohra ghad-dannu tas-sid Maria Sammut, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jecceddix l-elf lira Maltin (Lm1000), bil-lok u bil-hin.

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, ghad-dannu tal-istess Maria Sammut, liema hsara tammonta ghal izjed minnn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm500).

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reat sew jekk sar f' Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b' kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

4. Sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 6 ta' Gunju 2005 (esebit a fol. 10 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2005 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Rat li l-imputat waqt l-udjenza tal-20 ta' Gunju 2008 ammetta l-ewwel, it-teni u r-aba' akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-ewwel, it-teni u r-raba’ akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Rat li it-tielet akkuza, u cioe’ dik ta’ ricettazzjoni, inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza, u cioe’ dik ta’ serq aggravat u ghalhekk l-imputat qed jigi liberat minn din l-akkuza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-imputat.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat li mill-fedina penali voluminuza jirrizulta li l-imputat kiser dufrejgh mal-gustizzja f’numru konsiderevoli ta’ okkazzjonijiet izda kkunsidrat ukoll il-fatt li mit-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza rrizulta li l-imputat kellu problema serja ta’ abbuz mid-droga u kien jirrikorri ghas-serq sabiex jiffinanzja tali vizzju. Il-Qorti ghalhekk filwaqt li m’ghandha ebda alternattiva ohra hlief li timponi piena karcerarja effettiva sejra kemm huwa possibbli timponi piena aktar lejn il-minimum kontemplat mill-ligi. In kwantu jirrigwarda t-tieni akkuza jirrizulta li il-hsara volontarja kienet mezz ghal fini tal-ewwel akkuza u ghalhekk ser jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 261, 263, 267, 269, 270, 278(3). 325, 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni u r-raba’ akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah prigunerija ta’ tmintax (18) -il

xahar. Ghar-ragunijiet spjegati aktar ‘il fuq l-imputat qed jigi liberat mit-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------